**54/2017**

# Ittra lill-Poplu ta' Alla

## tal-E.T. Mons. Mario Grech

## Isqof ta' Għawdex

---

### TBERIK TAL-MUŻAJĊI TAR-RUŻARJU

Fl-antik mhux in-nies kollha kienu jafu jaqraw u jiktbu. Biex jgħinu lil dawn il-persuni jkunu jafu l-Kelma ta' Alla, inħolqot dik li tissejjaħ "il-Bibbja tal-foqra". Din kienet Bibbja bl-istampi li jirrappreżentaw xeni mill-ħajja ta' Ġesù.

Anki l-pittura fil-knejjes tagħna ma saritx biex iżżejjen imma biex tgħin lill-poplu ta' Alla jkun jaf iktar dwar il-ħajja tal-qaddisin. Kienet isservi ta' katekeżi viżiva ferm qabel ma ġew ivvintati l-mezzi moderni tal-komunikazzjoni.

Dan l-aħħar, fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu tpoġġew mużajċi li jirrappreżentaw l-għoxrin misteru tar-Rużarju, xogħol taċ-*Centro Aletti* ta' Ruma. Din mhix biss opra artistika l-ġmiel tagħha, għax min ħoloqha huwa mhux biss artist iżda teologu fl-istess ħin. Fil-fatt, dawn il-mużajċi għandhom kontenut profond dwar il-misteru ta' Ġesù u ta' Marija ta' Nazaret.

L-għan ta' dawn il-mużajċi huwa li jgħinuna nimmeditaw il-ġrajja ta' Ġesù, filwaqt li ngħożżu iktar it-talba tar-Rużarju bħala mezz kif nimxu fuq il-passi ta' Ġesù. Fil-fehma tiegħi, il-proġett ta' dawn il-mużajċi jkun irnexxa jekk, meta nieqfu napprezzawhom, fina tixgħel il-ħajra li ngħidu r-Rużarju. Għalhekk nistedinkom biex illejla (għada) niltaqgħu fuq iz-zuntier tas-Santwarju għażiż Ta' Pinu għaċ-ċelebrazzjoni li fiha jiġu inawgurati u mberkin dawn il-mużajċi.

Huwa previst li dakinhar filgħaxija l-Papa Franġisku jibgħatilna vidjo b'messaġġ tal-okkażjoni.

Nieħu din l-okkażjoni biex irrodd ħajr lil dawk il-benefatturi li offrew għotjiet biex stajna nwaqqfu dan il-monument.

Il-Verġni Marija Ta' Pinu tieqaf magħna u tgħinna nikkontemplaw lil Ġesù bl-istess ħarsa tagħha ta' fidi, tama u mħabba (ara *Rosarium Virginis Mariæ*, 11).

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, illum 13 ta' Ġunju, tifkira ta' Sant'Antnin ta' Padova.

✠ **Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

---

Biex tinqara fil-quddies kollu tas-Sibt (filgħaxija) u l-Ħadd, 17 u 18 ta' Ġunju 2017.